# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 571/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Roderick Castillo**

iben Richard, imwieled San Giljan, fl-4 ta' Frar, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 123180(M)

Illum, 6 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Roderick Castillo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Mejju, 2008, u matul it-tnax il-xahar ta' qabel din id-data:

a) ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (A.L. 22 ta' l-1985) kif emendati;

b) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tar-Regolament 3 subinciz 1 tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza datata 15 ta' Novembru, 2006 fejn gie immultat LM1000 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985, u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal disa' (9) xhur prigunerija effettiva, kif ukoll ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Castillo pprezentat fil-15 ta' Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu, bl-addebitu tar-recidiva, **u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.**

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Jirrizulta car, illi l-Ewwel Qorti bbazat is-sejbien ta htija ta' l-appellant, esklussivament fuq l-istqarrija rilaxxata minnu, fejn huwa ammetta illi l-pilloli li kellha fil-pussess taghha, il-*girlfriend* tieghu, Victoria Buhagiar, kien ghaddiehomla hu, propju biex iddahalhomlu l-*party* fejn kienu sejrin f'dik il-lejla. Filfatt jirrizulta car minn l-Atti tal-process, illi l-unika prova mressqa fil-konfronti tieghu, in sostenn ta' l-akkuzi migjuba kontrih, kienet propju din l-istqarrija illi huwa rrilaxxa lill-Pulizija waqt l-arrest tieghu. Fil-fatt, fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011), il-prosekuzzjoni kienet ivverbalizzat illi qed taqbel illi l-unika prova migjuba fil-konfront tar-rikorrenti, kienet biss l-istqarrija li huwa stess kien irilaxxa mal-pulizija.

L-appellant jikkontendi, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti meta bbazzat is-sejbien ta' **<u>htija tieghu fuq l-unika prova migjuba kontrih, u cioe' l-isqarrija rilaxxata minnu minghajr assistenza legali</u>**, u dan qed jigi sottomess kemm in vista tas-sentenzi kostituzzjonali tal-Qrati taghna, kif ukoll dawk tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, li jidher illi l-Ewwel Qorti skartat kompletament.

Fil-fatt, jekk wiehed jistudja bir-reqqa s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja, jirrizulta c-car illi d-dritt ta' smiegh xieraq, li huwa wiehed assolut, jinkludi d-dritt ta' assistenza legali anke matul l-investigazzjoni, u allura anke qabel tigi rilaxxata l-istqarrija tieghu. Fi kliem iehor, skont l-insenjament tal-Qorti Ewropeja, n-nuqqas ta' assistenza legali qabel ir-rilaxx ta' l-istqarrija, isarraf fi ksur tad-dritt assolut ta' smiegh xierqa.

F'dan l-istadju ma tistax ma ssirx referenza ghal-diversi kazijiet, decizi anke mill-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem fejn in succinct, il-Qorti sahqet illi d-drittijiet sanciti permezz ta’ l-artikoli 6 (3) (c) u 6 (1)  tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, jinkludu d-dritt ta’assistenza legali, **<u>sa mill- bidu nett ta’ l-investigazzjoni tal-pulizija, u cioe anke waqt illi l-persuna tirilaxxa l-istqarrija taghha, u li tali nuqqas ta' jimporta ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq.</u>**

Ssir referenza ghal kazijiet ta' Salduz vs Turkija, applikazzjoni numru 36391/02, fejn il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li, ghamlet referenza ghar-rapport ta'CPT European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment sahqet illi:

> all persons deprived of their liberty by the law enforcement agencies, including persons suspected of offences falling under the jurisdiction of State Security Courts, be granted as from the outset of their custody the right of access to a lawyer. The CPT recognizes that in order to protect the legitimate interests of the police investigation, it may exceptionally be necessary to delay for a certain period a detained person's access to a lawyer of his choice; however, in such cases, access to another independent lawyer should be arranged.

Il-Qorti stess sahqet ulterjorment illi

> ...Article 6 (3) (c), is not only restricted to assistance by a lawyer during trial in front of a Court of Law, but such right extends to legal assistance during the initial stage of police investigation...

Ssir referenza wkoll ghal-kawzijiet ohra decizi mill-Qorti Ewropeja u cioe, Plonka vs Polonja, u Panovits vs Cipru.

Il-Qrati taghna wkoll jidher illi kienu qed qed isegwu dan il-principju, u f'kawzi fl-ismijiet il-Pulizija vs Esron Pullicino u il-Pulizija vs Alvin Privitera u il-Pulizija vs Mark Lombardi, il-Qorti wkoll sahqet illi n-nuqqas ta'assistenza legali matul il-perjodu ta'l-arrest u l-investigazzjoni, inkluz il- perjodu matul liema persuna investigata tirrilaxxja l- istqarrija taghha, iledu d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq, u dan bil-konsegwenza illi l-Qorti ma tistax tistreih fuq din l-isqarrija bhala prova sabiex fuqha tibbaza sejbien ta' htija.

Fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizja vs Esron Pullicino konfermata fl-Appell, u deciza mill-Qorti Kostiuzzjonali, permezz ta' sentenza datata, tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), il-

Qorti kkonkludiet illi l-fatt wahdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx ghal-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu **u biex ikun hemm ksur ta' l-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja jrid jigi kkunsidrat il-process gudizzjarju kollu u mhux jigi kkunsidrati l-istqarrijiet '*in isolation*'**. **Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun l-istqarrija tieghu allura l-Qorti trid tiddeciedi l-kaz, trid toqghod attenta ghax sejba ta' htija jistghu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza bhala '*unsafe*'.**

**Ghalhekk, huwa car u manifest, skont dan l-insenjament illi d-dritt ta' smiegh xierqa huwa wiehed assolut u li ghalhekk illi mhux safe li Qorti ssib htija BISS fuq stqarrija, rilaxxata bis ksur ta' dan id-dritt.**

Konsegwentement, la darba anke fil-kaz ta' l-appellant, l-unika prova migjuba kontra tieghu, kienet biss l-istqarrija li huwa rilaxxa bi ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq, allura huwa qatt ma kellu jinstab hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih.

Inoltre, jidher ukoll illi l-Ewwel Qorti, waslet ghad-decizjoni li taghti valur probatroju lill-istqarrija rilaxxata minn l-appellant a bazi tal-fatt illi skont hi, l-appellant la kien persuna taht l-eta', u anqas ma kien persuna li tista' titqies vulnerabbli, u dan peress illi mill-fedina penali tieghu jirrizulta illi huwa kellu xi kundanni ohra, precedeneti ghal dan il-kaz.

Bir-rispett kollu, l-appellant ma jaqbel xejn ma dan ir-ragunament, u dan peress illi la darba gie determinat illi l-istqarrija tieghu giet rilaxxata minghajr assistenza legali, allura din tikostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali assolut ghal smiegh xieraq.

L-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha, ghamlet referenza ampja ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ta' Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, deciza fit-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012). L-appellant umilment jissotometti illi huwa ma jaqbel xejn ma' l-interpretazzjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat lil din is-sentenza. Fl-umli fehma ta' l-appellant, dak illi sahqet il-Qorti Kostituzzjonali f'dan il-kaz hu illi persuna akkuzata ma ghandhiex tigi awtomatikament liberata, a bazi ta' stqarrija rilaxxata minghajr assistenza legali, u li sabiex Qorti tasal ghal-decizjoni ta' sejbien ta' htija o meno, hija ghandha tikkonsidra

__**l-isfond tal-provi kollha migjuba mill-prosekuzzjoni**__. Fil-fatt f' din l-istess sentenza, il-Qorti irribadiet illi ***'l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar htija, BLA MA JQISU WKOLL IL-PROVI L-OHRA'***

F'dan il-kaz, jerga jigi ribadit illi ma jezistu ebda provi ohra kontra l-appellant. Konsegwentement, la darba l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ohra fil-konfronti tieghu, allura mhux *safe* li Qorti toqghod BISS fuq l-istqarrija. Huwa x-xoghol tal-prosekuzzjoni illi tressaq il-provi u certament mhux sewwa illi persuna jinstab hati ESKLUSSIVAMENT fuq dak li stqarr hu stess.

Ssir referenza wkoll ghas-sentenzi ricenti tal-Qorti Kriminali (Sede Inferjuri), fl-ismijiet __Il-Pulizija vs Esron Pullicino__ u l-__Pulizija vs Alvin Privitera__, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fiz-zewg okkazzjonijiiet diversament preseduta, ikkonfermat is-sentenzi tal-Prim Istanza, u cioe' illi l-appellati ma setghux jinstabu hatja BISS a bazi ta' l-isqarrija rilaxxata minnhom, minghajr assistenza legali, u dan fin-nuqqas ta' provi ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li s-sejbien tal-htija tieghu hi bbazata fuq l-unika prova ezistenti u cioe' l-istqarrija rilaxxata minnu minghajr assistenza legali.

Illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju, 2011 kien gie verbalizat quddiem il-Qorti tal-Magistrati li l-partijiet qablu li l-unika prova kontra l-imputat (illum, appellant) hija l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-ufficjal investigatur.  Ghalhekk, in vista ta' din id-dikjarazzjoni l-kompitu ta' din il-Qorti hu pjuttost semplici.

Illi l-appellant kien irilaxxa l-istqarrija tieghu fl-10 ta' Mejju, 2008 meta ma kienx ghadu hemm id-dritt ta' l-assistenza legali. Dan il-kuncett dahal in vigore fi Frar tas-sena 2010.

Illi din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol aktar fil-fond fir-riformi li saru recentement f'dn il-qasam. Hu bizzejjed li aghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: 'The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor' deciz fl-1 ta' Dicembru, 2016. F'dak il-kaz il-Qorti kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali li ordnal l-isfilz ta' l-istqarrija tal-akkuzat mill-atti ta' guri.

Illi a bazi ta' din is-sentenza din il-Qorti mhiex qed taghti kaz ta' l-istqarrija li l-appellant ghamel lill-ufficjal investigattiv.

Illi ma hemm ebda prova ohra fl-atti ta' dan il-kaz ghajr ghall-istqarrija.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Roderick Castillo. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.